MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2010

Numru 17/2010

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

vs

Alexia Cross

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 316279M, akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fis-27 ta' Jannar 2009 jew fil-jiem ta' qabel;

1. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika,

ghamlet qligh ghad-dannu ta’ Melita p.l.c. u/jew Clive Micallef, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 250083M;
2. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien falz minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
3. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fil-paragrafu precedenti;
4. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni fi skrittura privata li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;
5. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn skrittura privata falza li seghet ghamlet hsara lil xi persuna jew iggib utli;
6. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi document iehor falsifikat;
7. b’hekk kisret il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap 446, meta kkommettiet reat iehor wara li nghata sentenza fejn inghata ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tliet snin, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta’ April 2007;
8. b’hekk ikkommettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta’ tliet sentenzi sospizi imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b’sentenzi taghha ta’ nhar it-2 ta’ Ottubru 2007, tal-31 ta’ Ottubru 2007 u tas-6 ta’ Dicembru 2007, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta’ spejjes ta’ l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputata tammetti l-akkuzi f'liema ammissjoni baqghet tinsisti anke wara l-Qorti taghtha zmien tirrikonsidra.

Ikkonsidrat

L-imputazzjonijiet kontra l-imputata jirrigwardaw it-truffa, il-falsifikazzjoni u l-uzu scenti tal-falz bi ksur tal-Artikolu 308, 309, 183, 184, 187 (1) (2) u 189 tal-Kap 9. Akkuzata wkoll li kkommettiet reat iehor waqt li kienet fuq probation taht l-Artikolu 7 li kkommettiet reat iehor waqt il kienet fuq probation taht l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u li kkommettiet reat waqt perjodu operattiva ta' sentenza sospiza.

Bla hsara ghall-fedina penali ta' l-imputata minn fejn wiehed jinnota li l-imptuata gia nstabet hatja ta' reati simili u fil-fatt fost l-akkuzi hemm li kkommettiet ir-reati odjerni waqt li kienet fuq probation u sahansitra fuq f'perjodu operattiv ta' sentenza sospzia, izda mhix akkuzata wkoll b'ricediva, il-Qorti jidrilha dwar piena li tapplika kontra taghha l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u tirripristina l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza skond l-Artikolu 28 (B) tal-Kap 9.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputata qeghda ssibha hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha. Rat l-Artikolu fuq citati u l-Artikolu 17 tal-Kap 9, tiddeciedi li tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tpoggi lill-imputata taht il-harsien ta' ufficjal tal-probation ghall-perjodu ta' tliet snin mill-lum u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 B (2) (b) tal-Kap 9 minflok il-perjodu operattiv specifikat fis-sentenzi msemmija fl-ahhar akkuza timponi perjodu operattiv gdid ta' erba' snin mill-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputata r-responsabbiltajiet taghha skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------